MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1547/1998/1

**Carmelo Galea**

**v.**

**Olga Agius, Vince [recte: Vincent] Agius, Pauline Agius**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment dwar il-kwistjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2004, u cioe`

l-kwistjoni tan-nullita` o meno tar-rikors ta' appell peress li dan kien jidher *prima facie* li ma sarx fiz-zmien stabbilit skond il-ligi.

2. Il-kwistjoni bdiet wara li l-Prim Awla tal-Qorti Civili, in segwitu ghal riferti li kienu jidhru pozittivi fir-rigward tat-tlett konvenuti kemm ghal dik li hi n-notifika tac-citazzjoni kif ukoll ghal dak li hu l-avviz tas-smigh[1], fl-ewwel udjenza tal-kawza – **11 ta' Frar, 1999** – innominat Assistent Gudizzjarju biex jisma' l-provi, u ddifferiet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta' Gunju, 1999.

3. Fit-**18 ta' Frar, 1999** it-tlett konvenuti ppresentaw rikors[2] biex jigu ammessi jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom. Olga Agius u Pauline Agius talbu, ghar-ragunijiet esposti fl-istess rikors, li dik il-Qorti "…tiddikjara rrita u nulla s-suppost notifika lilhom bic-citazzjonijiet in kwistjoni u tordna li ssir notifika mill-gdid bl-istess atti skond il-ligi"; il-konvenut l-iehor Vincent Agius min-naha tieghu talab li dik il-Qorti "…tilqa' r-ragunijiet fuq esposti bhala gustifikazzjoni tal-kontumacja u konsegwentement takkordalu terminu gdid sabiex hu jkun jista' jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu dwar il-kaz."

4. Dwar dawn iz-zewg talbiet – li kienu effettivament talbiet ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja – l-ewwel Qorti pprovdiet b'decizjoni moghtija **fil-15 ta' Dicembru, 2003**. Permezz ta' din id-decizjoni dik il-Qorti ddecidiet hekk:

**"Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddecidi dwar ir-rikors tal-konvenuti tat-18 ta' Frar 1999 billi tichad it-talba tal-konvenut Vincent Agius u tiddikjarah kontumaci, tiddikjara li l-konvenuta Pauline Agius giet validament notifikata u kwindi ukoll hija kontumaci izda tilqa' t-talba tal-konvenuta Olga Agius u tiddikjara li ma gietx notifikata validament u kwindi takkordalha zmien ghoxrin gurnata mil-lum biex tippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut Vincent Agius."**

---

[1] Dawn ir-riferti jgibu d-data tat-3 ta' Novembru, 1998 u jindikaw id-data tan-notifika bhala t-2 ta' Novembru, 1998.
[2] Fol. 19.

5. Fl-udjenza tal-15 ta’ Dicembru, 2003, intant, il-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni ghas-26 ta’ Jannar, 2004. Permezz ta’ rikors prezentat quddiem l-ewwel Qorti fit-**22 ta’ Dicembru, 2003**, Vincent u Pauline Agius – li evidentement hassew ruhhom aggravati b’din id-decizjoni – talbu l-permess skond l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 biex huma jappellaw minnha. It-talba tghid espressament hekk:

**“Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghtihom permess sabiex jappellaw l-imsemmija sentenza ai termini tal-artikolu 231(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

6. B’digriet kamerali moghti fis-**6 ta’ Jannar, 2004** il-Prim Awla laqghet it-talba tal-konjugi Vincent u Pauline Agius. Gurnata qabel – fil-5 ta’ Jannar, 2004 – Olga Agius ipprezentat l-eccezzjonijiet taghha. Fl-udjenza tas-26 ta’ Jannar, 2004 id-difensur tal-konvenuti informa lil dik il-Qorti li kien ser jipprezenta appell mid-decizjoni tal-15 ta’ Dicembru, 2003. L-appell gie fil-fatt ipprezentat fit-**2 ta’ Frar, 2004**, u ghalhekk ferm wara li kienu ddekorrew ghoxrin jum mid-data tad-decizjoni appellata.

7. Issa, ma hemmx dubbju li d-decizjoni appellata hija sentenza u mhux digriet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta’ Jannar, 1986 fil-kawza fl-ismijiet ***Albert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro,*** decizjoni ta’ Qorti ta’ l-ewwel grad dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja mhix semplici digriet interlokutorju, izda sentenza vera u proprja. Bhala tali – u indipendentement mill-Artikolu 231(1) – ir-rikors ta’ appell kellu jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mid-data ta’ dik is-sentenza – Artikolu 226(1), Kap. 12. F’kaz fejn ikun hemm bzonn il-permess skond l-Art. 231(1), xorta wahda l-appell irid jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza – ara f’dan ir-rigward ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St***

***George noe v. Joseph Vella Galea et*** Qorti ta’ l-Appell, 16 ta’ Dicembru, 2003[3].

8. L-abbili difensur ta’ l-appellanti, fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru, 2004, issottometta li f’dan il-kaz kien japplika s-subartikolu (10) tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12, b’mod li t-terminu ghall-appell beda jiddekorri mid-data ta’ l-ewwel seduta minnufih wara l-ghoti tad-digriet *in camera*, cioe` mid-data tas-26 ta’ Jannar, 2004. F’dan ir-rigward l-appellanti kienu qed ikunu konsistenti maghhom infushom ghax proprju fir-rikors ta’ appell huma ppremettew hekk:

**“Illi b’digriet moghti ‘in camera’ fis-6 ta’ Jannar 2004, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet din it-talba[4].**

**“Illi ghalhekk l-esponenti qed jappellaw mill-imsemmi provvediment[5] fit-terminu stipulat fl-artikolu 229(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”**

9. Dak li l-appellanti evidentement mhux qed japprezzaw hu li s-subartikolu (10) ta’ l-229 japplika u jirreferi biss ghat-termini u zminijiet biex wiehed jappella minn <u>digrieti</u> u mhux ukoll minn sentenzi – u, kif diga’ nghad, id-decizjoni tal-15 ta’ Dicembru, 2003 kienet sentenza u mhux semplici digriet. In fatti dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

**“Meta digriet interlokutorju jkun inghata *in camera*, dan ghandu ghall-ghanijiet <u>ta’ dan l-artikolu</u> u ghall-ghanijiet tal-kalkolu ta’ kull zmien li jkun hemm <u>fih</u> stabbilit, jitqies bhala li jkun inqara bil-miftuh fil-qorti fid-data ta’ l-ewwel seduta ta’ dik il-kawza li tigi minnufih wara li jkun inghata d-digriet mill-qorti *in camera*.”**

10. Hu evidenti mid-dicitura ta’ din id-disposizzjoni li hawnhekk il-legislatur qed jirreferi ghall-kalkolu tat-termini ta’ appell minn digrieti – u mhux minn sentenzi – stante li

[3] Ara wkoll *passim* ***Gorg Vella noe et v. Reverendu Charles Cordina*** Qorti ta’ l-Appell, 9 ta’ Frar, 2004.
[4] It-talba ghall-pemess li kienet saret skond l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12.
[5] Id-decizjoni tal-15 ta’ Dicembru, 2003.

l-Artikoli 229 (“dan l-artikolu”) jipprovdi biss ghal appelli minn digrieti.

11. Isegwi, ghalhekk, li l-appell odjern gie pprezentat wara li kien skada t-terminu ta’ ghoxrin jum stabbilit skond l-Artikolu 226(1).

12. Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, u tordna li l-atti jigu minnu fih rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tissokta bis-smigh tal-kawza skond il-ligi. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------